MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Numru 3/2015

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Kenneth Gafa'

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuża numru 3 tas-sena 2015 fil-konfront ta' Kenneth Gafa' [detentur tal-karta tal-identita' 241172(M)] li biħ huwa akkużat talli :

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Disgħa (2009), l-akkużat Kenneth Gafa', li kien għaddej proċeduri ta' separazzjoni minn ma' martu, ltaqa' ma' ċerta Christine Sammut, mara ta' erbgħin sena, u magħha beda relazzjoni. Din ir-relazzjoni amoruża wasslet sabiex wara ftit xhur li ltaqgħu, l-akkużat Kenneth Gafa' mar jgħix ma' Christine Sammut fl-appartament tagħha fl-Imtarfa.

Illi wara xi xhur ta' ko-abitazzjoni, bdew il-problemi bejn l-akkużat Kenneth Gafa' u Christine Sammut, fosthom minħabba li Kenneth Gafa' kien joħroġ jixrob u jidħol id-dar tard bil-lejl – xi ħaġa li lil Christine Sammut kienet iddejjaqha bil-bosta. Dawn il-problemi wasslu sabiex għall-ħabta ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), Christine Sammut temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat Kenneth Gafa', u keċċietu 'l barra mill-appartament tagħha.

Illi minkejja li l-akkużat Kenneth Gafa′ telaq mill-appartament ta′ Sammut, huwa qatt ma ried jaċċetta li r-relazzjoni ta′ bejniethom kienet intemmet, u għaldaqstant beda jsegwi l-passi ta′ Christine Sammut biex jara fejn kienet qegħdha tmur u jekk kenitx qegħdha toħroġ ma xi ħadd. F′okkażjonijiet minnhom l-akkużat Kenneth Gafa′ kien addirittura jistaħba ħdejn l-appartament ta′ Sammut, u x′ħin din tasal u tiftaħ il-bieb ta′ barra, huwa kien dlonk jagħti s-salt, jimbotta l-bieb, u jidħol ġewwa biex jara jekk Sammut kienx ikollha xi raġel moħbi fl-appartament tagħha!! Inoltre, f′Settembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), l-akkużat Kenneth Gafa′ addirittura mar ġewwa l-ħanut tal-*Vodafone* ġewwa l-Belt Valletta minn fejn talab *itemised bill* tal-kont tat-telefon ċellulari ta′ Christine Sammut biex jara lil min kienet iċċempel u/jew min kien iċemplilha! Dan minbarra t-theddid kontinwu li l-akkużat Kenneth Gafa′ kien jagħmel fil-konfront ta′ Christine Sammut, kemm personalment kif ukoll permezz tat-telefon, fejn minbarra li jinsulentaha kien jheddidha li jekk ma kenitx se tkun tiegħu, ma kienet se tkun ta′ ħadd. Dwar dan it-theddid Christine Sammut kienet tagħmel diversi rapporti lill-Pulizija, iżda ħafna drabi kienet tispiċċa taħfirlu u ma tmexxix kontriħ fil-qorti.

Illi aktar ma beda għaddej iż-żmien u Christine Sammut baqgħet ma aċċettatux lura, l-akkużat Kenneth Gafa′ aktar kebbes u ħema ġo fih l-ossessjoni li jekk Christine Sammut ma kenitx se tkun tiegħu, allura ma kienet se tkun ta′ ebda raġel ieħor. Din l-ossessjoni u mibgħeda li l-akkużat Kenneth Gafa′ sawwar fil-konfront ta′ Christine Sammut wasslitu biex jiddeċiedi u jippjana li joqtol lill-istess Christine Sammut.

Illi fil-jum traġiku tal-Ħdax (11) ta′ Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), l-akkużat Kenneth Gafa′ mill-ħsieb u t-theddid għadda għall-fatti. Huwa fassal pjan tal-biża′ biex joqtol lil Christine Sammut jew ipoġġilha ħajjitha f′perikolu ċar. Għalhekk, huwa ħaseb minn qabel biex jakkwista arma tan-nar (senter) u munizzjon, u fl-għodwa tal-Ħdax (11) ta′ Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tad-Disgħa u nofs ta′ filgħodu (9:30am), l-akkużat Kenneth Gafa′ mar għand il-kumpanija *Godwin′s Garage* minn fejn kera vann għal ġurnata waħda biss - proprju

sabiex dakinhar stess iwettaq il-pjan orrend tiegħu li joqtol lil Christine Sammut. Kif kera dan il-vann – vann *Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079 – l-akkużat Kenneth Gafa' poġġa ġo fih l-arma u l-munizzjon, u rħielha lejn l-Imtarfa fejn għamel ġurnata sħiha viċin ir-residenza ta' Christine Sammut. Bejn ftit qabel l-Għaxra ta' filgħodu (10:00am) u t-tlieta u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar (3:20pm), l-akkużat Kenneth Gafa', li kien qiegħed ħdejn ir-residenza ta' Christine Sammut fil-vann li kien għadu kemm kera, baghtilha xejn anqas minn erbgħin (40) messaġġ *sms* minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu għal fuq tagħha – messaġġi nsolenti, vulgari, u ta' theddid. Fl-aħħar messaġġ, li bagħtilha fit-tlieta u għoxrin minuta (3:20pm), l-akkużat Kenneth Gafa' jgħid lil Christine Sammut li dakinhar huwa kien ser jagħmel dak li jħoss, u jtemm il-messaġġ bil-kliem: *"Forsi jkollok tnehih int stes il qzies u aw mux xi haga kbira ta biex inehijulek jien"*.

Illi sadanittant, Christine Sammut, li ma kenitx taf li l-akkużat Kenneth Gafa' dakinhar kien qiegħed isegwi kull pass tagħha biex itemmilha ħajjitha, ftehemet ma' ħabib tagħha – ċertu Alfred Xuereb – biex tieħdu għand *counsellor* l-Imġarr. Christine Sammut kienet iltaqgħet ma' Alfred Xuereb ftit ġimgħat qabel, u minħabba li dan kien xtaq ikellem *counsellor*, Sammut offrietlu li tagħmillu appuntament għand il-*counsellor* tagħha – offerta li huwa aċċetta. Minħabba li Xuereb ma kienx jaf fejn kellu jmur, Christine Sammut ftehemet li tiltaqa' miegħu ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar* iż-Żebbiegħ, u minn hemm imorru għand il-*counsellor* flimkien. Iżda l-akkużat Kenneth Gafa' kellu pjanijiet oħra għaliha…. .

Illi ftit wara l-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm), Christine Sammut ħarġet mill-appartament tagħha, rikbet fil-vettura tagħha – *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u saqet għal ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar,* iż-Żebbiegħ, biex tiltaqa' ma' Alfred Xuereb u twasslu għand il-*counsellor*. X'ħin waslet, ipparkjat il-vann tagħha fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, u bdiet tistenna lil Xuereb. Li ma kenitx taf, iżda, kien li l-akkużat Kenneth Gafa' kien qiegħed isegwiha bil-vann li huwa kera dakinhar filgħodu, u li, fi ftit minuti, huwa kien ser itemmilha ħajjitha.

Illi fil-fatt, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm) u ftit minuti biss wara li Christine Sammut ipparkjat il-vann tagħha (*Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728) ġewwa Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, l-akkużat Kenneth Gafa' saq il-vann li huwa kera (*Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079) għal biswit it-tieqa tax-xufier tal-vann ta' Christine Sammut, qabad is-senter, immira lejn Christine Sammut, li kienet bilqegħda għall-affari tagħha fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha tistenna lil Alfred Xuereb, u dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, sparalha żewġ (2) tiri minn distanza ravviċinata ħafna. Dawn it-tiri laqtu lil Christine Sammut f'għonqha, sidirha, u jdejha, fejn ikkaġunawlha feriti orrendi tant li minkejja li l-istess Christine Sammut ittieħdet malajr l-isptar b'ambulanza, hija mietet ftit wara li waslet l-isptar.

Illi wara li spara lil Christine Sammut, l-akkużat Kenneth Gafa' ħarab minn fuq il-post bl-istess vann li mar biħ, iddispona mill-arma, u mar id-dar tiegħu ġewwa Triq l-Assunta l-Marsa, minn fejn ċempel lil ħuh Anthony Gafa' u nfurmah li kien għadu kif spara lil Christine Sammut għax, skont hu, qabadha ma' wieħed. Konxju mill-gravita' tas-sitwazzjoni, Anthony Gafa' minnufiħ mar għal huh, l-akkużat Kenneth Gafa', u ħadu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, fejn l-akkużat ġie arrestat u l-investigazzjonijiet issoktaw.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Kenneth Gafa' sar ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Christine Sammut jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Kenneth Gafa' ħati ta' omiċidju volontarju, u cioe' talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u

kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Christine Sammut) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kenneth Gafa' u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 211(1), 211(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, wara li Christine Sammut temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat Kenneth Gafa', l-istess Kenneth Gafa' iddeċieda u ppjana li joqtolha.

Għal dan il-għan, huwa ħaseb minn qabel biex jakkwista arma tan-nar (senter) u munizzjon, u fl-għodwa tal-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), kera vann għal ġurnata waħda biss - proprju sabiex dakinhar stess iwettaq il-pjan orrend tiegħu li joqtol lil Christine Sammut. Kif kera dan il-vann – vann *Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079 – l-akkużat Kenneth Gafa' poġġa ġo fih l-arma tan-nar (senter) u l-munizzjon tad-ditta *Fiocchi*, u rħielha lejn l-Imtarfa fejn għamel ġurnata sħiha viċin ir-residenza ta' Christine Sammut.

Illi ftit wara l-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm), Christine Sammut ħarġet mill-appartament tagħha, rikbet fil-vettura tagħha – *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u saqet għal ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar,* iż-Żebbiegħ, biex tiltaqa' ma' Alfred Xuereb u twasslu għand il-*counsellor*. X'ħin waslet, ipparkjat il-vann tagħha fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, u bdiet tistenna lil Xuereb.

Illi fil-fatt, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm) u ftit minuti biss wara li Christine Sammut ipparkjat il-vann tagħha (*Citroen Berlingo,* bin-numru tar-

reġistrazzjoni LCI-728) ġewwa Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, l-akkużat Kenneth Gafa' saq il-vann li huwa kera (*Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079) għal biswit it-tieqa tax-xufier tal-vann ta' Christine Sammut, qabad is-senter, immira lejn Christine Sammut, li kienet bilqegħda għall-affari tagħha fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha tistenna lil Alfred Xuereb, u dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, sparalha żewġ (2) tiri minn distanza ravviċinata ħafna. Dawn it-tiri laqtu lil Christine Sammut f'għonqha, sidirha, u jdejha, fejn ikkaġunawlha feriti orrendi tant li minkejja li l-istess Christine Sammut ittieħdet malajr l-isptar b'ambulanza, hija mietet ftit wara li waslet l-isptar.

Illi l-esperti nominati mill-Maġistrat inkwerenti stabbilew li l-arma li ntużat f'dan id-delitt kienet senter tal-kaċċa tat-tip *semi-automatic*, u l-iskrataċ sparati kienu ta' kalibru tnax (12).

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Kenneth Gafa' sar ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Kenneth Gafa' ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar jew arma regolari (senter), u dan mingħajr għan leġittimu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kenneth Gafa' u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn erbgħa (4) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi l-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li Christine Sammut temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat Kenneth Gafa', l-istess Kenneth Gafa' iddeċieda u ppjana li joqtolha.

Għal dan il-għan, huwa ħaseb minn qabel biex jakkwista arma tan-nar (senter) u munizzjon, u fl-għodwa tal-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), kera vann għal ġurnata waħda biss - proprju sabiex dakinhar stess iwettaq il-pjan orrend tiegħu li joqtol lil Christine Sammut. Kif kera dan il-vann – vann *Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079 – l-akkużat Kenneth Gafa' poġġa ġo fih l-arma tan-nar (senter) u l-munizzjon tad-ditta *Fiocchi*, u rħielha lejn l-Imtarfa fejn għamel ġurnata sħiha viċin ir-residenza ta' Christine Sammut.

Illi ftit wara l-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm), Christine Sammut ħarġet mill-appartament tagħha, rikbet fil-vettura tagħha – *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u saqet għal ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar,* iż-Żebbiegħ, biex tiltaqa' ma' Alfred Xuereb u twasslu għand il-*counsellor*. X'ħin waslet, ipparkjat il-vann tagħha fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, u bdiet tistenna lil Xuereb.

Illi fil-fatt, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm) u ftit minuti biss wara li Christine Sammut ipparkjat il-vann tagħha (*Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728) ġewwa Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, l-akkużat Kenneth Gafa' saq il-vann li huwa kera (*Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-

reġistrazzjoni HQA-079) għal biswit it-tieqa tax-xufier tal-vann ta' Christine Sammut, qabad is-senter, immira lejn Christine Sammut, li kienet bilqegħda għall-affari tagħha fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha tistenna lil Alfred Xuereb, u dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, sparalha żewġ (2) tiri minn distanza ravviċinata ħafna. Dawn it-tiri laqtu lil Christine Sammut f'għonqha, sidirha, u jdejha, fejn ikkaġunawlha feriti orrendi tant li minkejja li l-istess Christine Sammut ittieħdet malajr l-isptar b'ambulanza, hija mietet ftit wara li waslet l-isptar.

Illi l-esperti nominati mill-Maġistrat inkwerenti stabbilew li l-arma li ntużat f'dan id-delitt kienet senter tal-kaċċa tat-tip *semi-automatic*, u l-iskrataċ sparati kienu ta' kalibru tnax (12).

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Kenneth Gafa' sar ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Kenneth Gafa' ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kenneth Gafa' u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi, Kap.

480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fir-Raba' Kap illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li Christine Sammut temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat Kenneth Gafa', l-istess Kenneth Gafa' iddeċieda u ppjana li joqtolha.

Għal dan il-għan, huwa ħaseb minn qabel biex jakkwista arma tan-nar (senter) u munizzjon, u fl-għodwa tal-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), kera vann għal ġurnata waħda biss - proprju sabiex dakinhar stess iwettaq il-pjan orrend tiegħu li joqtol lil Christine Sammut. Kif kera dan il-vann – vann *Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079 – l-akkużat Kenneth Gafa' poġġa ġo fih l-arma tan-nar (senter) u l-munizzjon tad-ditta *Fiocchi*, u rħielha lejn l-Imtarfa fejn għamel ġurnata sħiha viċin ir-residenza ta' Christine Sammut.

Illi ftit wara l-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm), Christine Sammut ħarġet mill-appartament tagħha, rikbet fil-vettura tagħha – *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u saqet għal ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar,* iż-Żebbiegħ, biex tiltaqa' ma' Alfred Xuereb u twasslu għand il-*counsellor*. X'ħin waslet, ipparkjat il-vann tagħha fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, u bdiet tistenna lil Xuereb.

Illi fil-fatt, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm) u ftit minuti biss wara li Christine Sammut ipparkjat il-vann tagħha (*Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728) ġewwa Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, l-akkużat Kenneth Gafa' saq il-vann li huwa kera (*Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079) għal biswit it-tieqa tax-xufier tal-vann ta' Christine Sammut, qabad is-senter, immira lejn Christine Sammut, li kienet bilqegħda għall-affari tagħha fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha tistenna lil Alfred Xuereb, u dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, sparalha

żewġ (2) tiri minn distanza ravviċinata ħafna. Dawn it-tiri laqtu lil Christine Sammut f'għonqha, sidirha, u jdejha, fejn ikkaġunawlha feriti orrendi tant li minkejja li l-istess Christine Sammut ittieħdet malajr l-isptar b'ambulanza, hija mietet ftit wara li waslet l-isptar.

Illi l-esperti nominati mill-Maġistrat inkwerenti stabbilew li l-arma li ntużat f'dan id-delitt kienet senter tal-kaċċa tat-tip *semi-automatic*, u l-iskrataċ sparati kienu ta' kalibru tnax (12).

Illi l-lok fejn seħħet din l-isparatura huwa wieħed pubbliku (triq pubblika) u fil-viċinanzi kien hemm diversi djar ta' abitazzjoni u saħansitra *playing field*.

Illi b'għemilu l-imsemmi Kenneth Gafa' sar ħati talli, nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Kenneth Gafa', ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kenneth Gafa' u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew multa ta' mhux anqas minn sitta u erbgħin Euro u sittin ċenteżmi (€46.60) u mhux iżjed minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) skont dak li kien hemm u kien jintqal fl-artikoli 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap. 33 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 31, u 533

tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fil-Ħames Kap illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel erbgħa (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li Christine Sammut temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat Kenneth Gafa', l-istess Kenneth Gafa' iddeċieda u ppjana li joqtolha.

Għal dan il-għan, huwa ħaseb minn qabel biex jakkwista arma tan-nar (senter) u munizzjon, u fl-għodwa tal-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), kera vann għal ġurnata waħda biss - proprju sabiex dakinhar stess iwettaq il-pjan orrend tiegħu li joqtol lil Christine Sammut. Kif kera dan il-vann – vann *Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079 – l-akkużat Kenneth Gafa' poġġa ġo fih l-arma tan-nar (senter) u l-munizzjon tad-ditta *Fiocchi*, u rħielha lejn l-Imtarfa fejn għamel ġurnata sħiha viċin ir-residenza ta' Christine Sammut.

Illi ftit wara l-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm), Christine Sammut ħarġet mill-appartament tagħha, rikbet fil-vettura tagħha – *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u saqet għal ħdejn l-*Imġarr Farmers Bar,* iż-Żebbiegħ, biex tiltaqa' ma' Alfred Xuereb u twasslu għand il-*counsellor*. X'ħin waslet, ipparkjat il-vann tagħha fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, u bdiet tistenna lil Xuereb.

Illi fil-fatt, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm) u ftit minuti biss wara li Christine Sammut ipparkjat il-vann tagħha (*Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728) ġewwa Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, l-akkużat Kenneth Gafa' saq il-vann li huwa kera (*Toyota Lite Ace* abjad, bin-numru tar-reġistrazzjoni HQA-079) għal biswit it-tieqa tax-xufier tal-vann ta' Christine Sammut, qabad is-senter, immira lejn Christine Sammut, li kienet bilqegħda għall-affari tagħha fuq is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha tistenna lil Alfred Xuereb, u dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, sparalha

żewġ (2) tiri minn distanza ravviċinata ħafna. Dawn it-tiri laqtu lil Christine Sammut f'għonqha, sidirha, u idejha, fejn ikkaġunawlha feriti orrendi tant li minkejja li l-istess Christine Sammut ittieħdet malajr l-isptar b'ambulanza, hija mietet ftit wara li waslet l-isptar.

Illi fil-mument li l-akkużat Kenneth Gafa' spara t-tiri in kwistjoni, it-tieqa tan-naħa tax-xufier tal-vettura ta' Christine Sammut, *ossia* l-vann *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, kienet imtella' (magħluqa), bil-konsegwenza li l-ħġieġa nkisret bit-tiri, kif ukoll ġew kawżati ħsarat u danni f'din il-vettura, liema ħsarat l-espert nominat mill-qorti kkwantifika li jammontaw għal madwar disa' mija u sittin Ewro (€960).

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Kenneth Gafa' sar ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, ikkawża ħsara volontarja fuq vettura *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u cioe' talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli b`dan illi l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), liema ħsara saret għad-detriment ta' Christine Sammut jew l-eredi tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l-fuq, jakkuża lill-imsemmi Kenneth Gafa', ħati talli nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, ikkawża ħsara volontarja fuq vettura *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u cioe' talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli b`dan illi l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma huwa

iżjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), liema ħsara saret għad-detriment ta' Christine Sammut jew l-eredi tagħha.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kenneth Gafa' u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames (5) xhur sa sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 325(1)(b), u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Kenneth Gafa', preżentat fis-16 ta' Ġunju, 2015, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Kenneth Gafa' għall-akkużi miġjuba kontrih fil-ħames (5) Kapi ta' l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħamsa u tletin (35) sena, u dan oltre spejjeż peritali u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 20 ta' Lulju, 2015, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Kenneth Gafa' ħati talli:

1. Nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Christine Sammut jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

2. Nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu.

3. Nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

4. Nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

5. Nhar il-Ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5:15pm), fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, Malta, ikkawża ħsara volontarja fuq vettura *Citroen Berlingo,* bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI-728, u cioe' talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli b`dan illi l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), liema ħsara saret għad-detriment ta' Christine Sammut jew l-eredi tagħha.

Rat il-ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkużat jirreġistra ammissjoni bikrija fil-proċeduri u b'hekk jiġi evitat ħafna xogħol inutli u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel

Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem neċessarjament u bħala dritt jintitola lill-ħati għal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct*

*an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..″*

Għaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 211(1)(2), 325(1)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1), 51(2) u 55(A) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 24(2), 29 u 33(1)tal-Ordinanza dwar l-Esplużivi, Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil ħati Kenneth Gafa' għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħamsa u tletin (35) sena. Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' seba' telef, tlett mija u disa' u għoxrin Euro u disa' u sebgħajn ċenteżmu (€7329.79), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti f'din il-kawża.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------